MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 23

4 ta' Awwissu 2014

Minuti tas-seduta Nru. 23 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn l-4 ta' Awwissu 2014.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha. Il-ħatra ta' l-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ kienet għadha ma saritx wara li skada t-terminu ta' Sinjorina Raquel Cutajar. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti tas-seduta.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 22 u għaldaqstant s-Segretarju ġie mitlub jippubblika l-istess minuti fis-sit elettroniku www.lc.gov.mt. Is-seduta ġiet trasmessa direttament permezz tal-internet.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Kwestjonarju dwar il-Ħajja fil-Mellieħa (K/14)

2.1.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 14.1. tas-seduta preċedenti, kif ukoll għal ittra datata 24 ta' Lulju 2014, mibgħuta mill-Għaqda Soċjali 8 ta' Settembru, fejn talbu li jiltaqgħu mal-Kunsill biex jiddiskutu xi suġġetti li ġew trattati fil-kwestjonarju li jolqtu lill-Kunsill. Is-Sindku qal li r-riżultati tal-kwestjonarju ser jiġu mgħoddija lill-kunsillieri kollha bil-għan li jiffamiljarizzaw ruħhom magħhom.

2.1.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-laqgħa mal-għaqda għandha ssir f'Ottubru 2014, meta jkun jista' jattendi il-Professor Joseph Troisi.

### 2.2.1. Proġett dwar *Performance Management* (K/6/7/Vol VI)

2.2.2. Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar imejl tat-22 ta' Lulju 2014, fejn intqal li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali nieda proġett pilota u kwestjonarju dwar *performance management* fil-Kunsilli lokali skont kif tħabbar permezz ta' Memo 16/2014. Is-Segretarju fakkar li diġa saru żewġ *seminars* dwar dan is-suġġett aktar kmieni fl-2014, meta tnieda l-istess proġett, li huwa ffinanzjat mill-Fond ta' Għotjiet Norveġiżi 2009-2014.

2.2.3. Is-Sur C. Debono kompla jispjega li l-kwestjonarju ġie mwieġeb, iżda jeħtieġ il-kunsens tal-Kunsill biex jiddeċiedi dwar jekk jixtieqx jieħu sehem fil-proġett u f'każ li iva, jaħtar rappreżentant politiku u ieħor amministrattiv flimkien ma' sostitut f'kull każ.

2.2.4. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi kkunsidrat sabiex jipparteċipa fil-proġett.

### 2.3.1. Użu ta’ *barbecue* fi Triq l-Għoljiet (T/4/10)

2.3.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 16.3 tas-seduta preċedenti u staqsa dwar jekk kinitx ittieħdet xi azzjoni dwar il-punt li huwa kien qajjem.

2.3.3. Is-Sindku wieġeb li huwa, flimkien mal-Viċi Sindku C. Bartolo tkellmu mal-operatur tal-Billy’s Music Club bil-għan li ma jsajjarx fit-triq.

### 2.4.1. PA 1953/14 – Żvilupp fl-inħawi Tat-Tomna (P/5/8/T)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.2.3. tas-seduta tal-qabel u ppropona li ssir spezzjoni fuq il-post fit-12 ta’ Awwissu 2014 fis-7.00pm.

2.4.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta, kif ukoll li l-applikant jiġi nfurmat sabiex ikun preżenti, flimkien mal-perit inkarigat.

### 2.5.1. Proposti lill-Gvern Ċentrali dwar Proġetti Kapitali (P/4/32)

2.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.1.1. tas-seduta preċedenti u kkummenta li l-laqgħa li saret mad-Deputati Parlamentari tad-distrett intlaqgħet tajjeb u anke ġiet espressa x-xewqa li jkun hemm oħrajn simili aktar ‘il quddiem biex il-ħsibijiet u proġetti li jkollu l-Kunsill jiġu spjegati b’mod aktar dirett. Huwa għarraf ukoll li kien hemm preżenti l-Onor. Ministru Michael Farrugia, Ċensu Galea, u Robert Cutajar. Kompla jikkummenta li kien hemm qbil dwar l-utilita` tal-proġetti mressqa, għalkemm ġew espressi xi riżervi dwar l-vijabilita` ta’ wieħed minnhom. Is-Sur J. Buttigieg ippropona li l-pass li jmiss għandu jkun laqgħa mal-Prim Ministru Joseph Muscat u l-għaqdiet ibbażati fil-lokalita`.

2.5.3. Il-Kunsillier H. Fenech staqsa dwar jekk huwiex ser isir xi tibdil wara l-laqgħa li saret mad-Deputati Parlamentari tat-2 ta’ Awwissu 2014.

2.5.4. Is-Sindku wieġeb li l-proposti ser jitħallew l-istess kif ġew riveduti u approvati mill-Kunsill fis-seduta Nru. 19 tat-30 ta’ April 2014.

2.5.5. Il-Kunsill qabel mal-azzjoni li għandha tkompli tittieħed skont kif proposta mis-Sindku fil-minuta 2.5.2.

### 2.6.1. Ftehim dwar it-tmexxija tal-*Heritage Trail* f’Selmun u l-Imġiebaħ (P/10/3A)

2.6.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.6.1. tas-seduta ta’ qabel u għarraf li ċ-ċwievet tal-binjiet kollha nklużi fil-*heritage trail* ġew mgħoddija lill-Fondazzjoni ARKEO u issa dawn il-postijiet ġew fit-tmexxija tagħhom.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.7.1. Nomina għall-ħatra ta’ Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ (Z/1/Vol V)

2.7.2. Il-Kunsillier H. Fenech aċċenna għall-minuta 7.1. tas-seduta preċedenti u ressaq il-kunsens bil-kitba tal-ġenituri tas-Sinjorina Erica Galea, sabiex hija tkun tista’ tiġi maħtura fil-kariga ta’ Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ.

2.7.3. Il-Kunsill innota d-dokument imressaq u talab li din id-deċiżjoni tiġi komunikata lis-Segretarjat Parlamentari għall-Kultura u l-Gvern Lokali.

### 2.8.1. Ħlas tal-*performance bonus* lill-impjegat sekondat mal-Kunsill (H/4/Vol II)

2.8.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 12.2. tas-seduta ta’ qabel, kif ukoll għal tweġiba mogħtija mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali tas-16 ta’ Lulju 2014, fejn l-istess dipartiment aċċenna għall-fatt li l-*Public Administration Human Resources Office* ma eskudiex li l-Kunsill jista’ jħallas *performance bonus* lil xi impjegat tas-Servizz Ċivili ssekondat miegħu. Is-Sur C. Debono spjega li l-kjarifika tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali ntalbet billi r-regolament 19 tar-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) ma jgħid xejn dwar dan. Fl-istess imejl intqal ukoll li kull ħlas li jsir f’dan ir-rigward għandu jagħmlu tajjeb għalih il-Kunsill.

2.8.3. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul dan is-suġġett u kien hemm qbil li la darba l-impjegat konċernat qed jagħmel l-istess numru ta’ sigħat li qed jagħmlu l-impjegati l-oħra tal-Kunsill, il-ħlas tal-*performance bonus* għandu jiġi determinat mill-kwalita` tax-xogħol li jingħata, u

b'effett mill-2014. Għaldaqstant kien hemm qbil li l-ħlas tal-*performance bonus* tas-Sur Stephen Borg għandu jiġi kkunsidrat permezz ta' riżoluzzjoni flimkien ma' tal-impjegati oħra fl-aħħar tas-sena finanzjarja 2014 wara li jsir il-*performance appraisal* report kif titlob il-liġi.

### 2.4.1. *Seaside Slam* fl-Għadira (S/4/2/Vol III)

2.4.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-minuta 17.1. tas-seduta preċedenti u qal li l-attivita` imsemmija hawn fuq li kellha ssir fis-17 ta' Lulju 2014 fl-Għadira, tħassret wara li kien hemm rispons fqir, minn tim wieħed biss.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 31/07/14;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash*;
- Skeda ta' Pagamenti – 10/07/14 - 31/07/14;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Skeda ta' patronaġġ – Trasport għall-Anzjani li jattendu ċ-Ċentru ta' Maltul il-Jum – Jannar/Ġunju 2014;
- Rapport Amministrattiv 2013

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. 25 Anniversarju mit-twaqqif tal-Għaqda tan-Nar Maria Bambina (S/6/Vol IV)

4.1.2. Saret referenza għal imejl datat 22 ta' Lulju 2014, mibgħut mill-għaqda msemmija fejn talbu l-permess sabiex jorganizzaw kunċert popolari fi Triq Ġnien Ingraw fid-29 ta' Awwissu 2014 sabiex titfakkar l-istess okkażjoni. Talbu wkoll li jsir laqgħa sabiex din tiġi kordinata u ppjanata bis-sehem tal-Kunsill.

4.1.3. Il-Kunsillier D. Vella qal li l-impressjoni tiegħu hi li l-post intenzjonat huwa Ġnien il-Qigħan u mhux Triq Ġnien Ingraw. Għaldaqstant huwa mportanti li dan jiġi ċċarat.

4.1.4. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li l-attivita` issir f'xi wieħed mill-postijiet imsemmija, iżda jkun importanti li jekk issir fi Triq Ġnien Ingraw, tiġi notifikata Transport Malta, peress li minn hemmhekk tgħaddi ir-rotta 101 tal-karozzi tal-linja.

### 4.2.1. Attivita` reliġjuża f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (A/6/3/2/Vol 48)

4.2.2. Inġibdet l-attenzjoni għal ittra datata l-1 ta' Awwissu 2014 mibgħuta mis-Segretarjat Pastorali tal-Arċidjoċesi ta' Malta sabiex isir użu mill-misraħ imsemmi b'rabta ma' attivita` reliġjuża li ser ikun hemm nhar il-Ġimgħa 22 ta' Awwissu 2014 fis-7.00pm.

4.2.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm ma jidħlux vetturi fil-misraħ imsemmi. Inġibdet l-attenzjoni li fl-istess ħin ser ikun hemm attivita` oħra f'Misaħ il-Parroċċa li tista' toħloq distrazzjoni għal min ikun qed jipparteċipa fil-funzjoni reliġjuża.

### 4.3.1. Restawr ta' beni fuq il-Gżejjer ta' San Pawl (R/2/Vol II)

4.3.2. Saret referenza għal ittra tas-Sur Michael Pule` li dehret fil-gazzetta *The Times* tas-17 ta' Lulju 2014 dwar il-ħtieġa li jsir restawr fuq il-kappella u l-istatwa li hemm fuq l-imsemmija gżira. Appell simili sar mill-Istitut Soċjo-Kulturali San Pawl permezz ta' ittra datata 28 ta' Lulju 2014.

4.3.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li xi żmien ilu diġa kien ittieħed xi materjal fuq il-post.

4.3.4. Kunsill iddeċieda li għandu jittieħed il-parir tal-Perit Joseph Attard sabiex jiġi stabbilit x'permessi huma meħtieġa, kif ukoll il-loġistika u l-ispiża nvoluta. Kien hemm qbil li l-ewwel intervent għandu jsir biex tissewwa l-istatwa u sussegwentement il-kappella u l-ħitan tas-sejjieħ li hemm fil-qrib.

### 4.4.1. Traffiku fil-Manikata (T/3/2/Vol XII)

4.4.2. Inqara imejl datat 9 ta' Lulju 2014, mibgħut mis-Sinjorina Isabel Fava fejn ġibdet l-attenzjoni għall-konġestjoni tat-traffiku li qed ikun hemm fi Triq il-Manikata konsegwenza tal-għeluq ta' Sqaq Ħarruba. Inġibdet l-attenzjoni wkoll għat-triq il-ġdida li nfetħet biswit Misraħ il-Parroċċa fejn faċilment jistgħu jsiru l-inċidenti u appellat sabiex tiġi ntrodotta sistema ta' *one-way* fi Triq il-Mellieħa u t-triq il-ġdida.

4.4.3. Sar aċċenn ukoll għal imejl datat 21 ta' Lulju 2014, fejn is-Sur Mario Mifsud irrefera wkoll għall-konġestjoni li qed ikun hemm fi Triq il-Manikata u għalhekk talab li ssir *one-way* bi dħul minn Triq il-Wilġa, filwaqt li traffiku li jkun nieżel fi Triq il-Knisja l-Qadima jdur għal Triq il-Biedja.

4.4.4. Il-Kunsill iddiskuta dan is-suġġett fit-tul u kien hemm qbil li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet ma' Transport Malta ħalli jitressqu l-proposti segwenti:

- Wara li l-MEPA issanżjonat il-wiċċ tal-konkos illi sar fi Sqaq Ħarruba permezz ta' PA 3337/13, dan għandu jsir *one-way* għat-telgħa biss, bi dħul minn Triq il-Wilġa. B'hekk wieħed ikun jista' jgħaddi kemm mill-istess sqaq, kif ukoll minn Triq il-Manikata;
- Triq il-Manikata, bejn Triq il-Knisja l-Qadima u Triq il-Wilġa tibqa' *two-way*;
- Jerġgħu jsiru tabelli *No Entry to Heavy Vehicles Except to Render a Service* fi Triq il-Wilġa kantuniera ma' Triq Għajn Tuffieħa u fi Triq il-Mellieħa kantuniera ma' Triq Lewis Wettinger;
- Misraħ il-Parroċċa jingħalaq għat-traffiku wara li titneħħa l-kantuniera ta' Ġnien iż-Żerniq. Dan billi bl-arranġament eżistenti s-sewwieqa qed jingħataw żewġ għażliet, liema sitwazzjoni qed tikkawża l-periklu u faċilment jsiru kolliżżjonijiet, partikularment kantuniera ma' Triq il-Mellieħa.

### 4.5.1. PA 2110/14 - Bini ta' razzett għat-trobbija tal-annimali, ġiebja u ħażna tad-demel f'Tat-Tomna (P/5/8/T)

4.5.2. Saret referenza għall-applikazzjoni msemmija. Is-Sindku spjega li minħabba illi kien ser jiskadilha l-perjodu tar-rappreżentazzjonijiet, tressqet oġġezzjoni għab-bażi tal-fatt illi r-razzett propost ma' jissodifax il-kriterju tad-distanza (183 metri) minn bini residenzjali, postijiet ta' rikrejazzjoni eċċ skont kif speċifikat fil-linji gwida dwar l-irziezet stabbilit mill-MEPA f'Diċembru 2007. Is-Sindku qal li korrispondent tal-gazzetta *The Times* talbu jikkummenta dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar din l-applikazzjoni. Fl-istess intervista huwa appella sabiex ir-residenti tal-qrib jesprimu rwieħom dwar it-talba. Huwa nfurmat li l-istess residenti kellhom iressqu petizzjoni.

4.5.3. Il-Kunsill innotta u approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 4.6.1. Stedina mill-Kunsill Lokali ta' Cugir fir-Rumanija (A/5/3/Vol XIII)

4.6.2. Il-Viċi Sindku rrefera għal imejl datat 3 ta' Lulju 2014 mibgħut mill-Kunsill Lokali ta' Cugir fir-Rumanija, fejn stiednu lill-Kunsill għall-festival annwali msejjaħ *Toamna Cugireana* li ser iseħħ bejn id-19 u t-22 ta' Settembru 2014. Il-Kunsill tal-Mellieħa ntalab jibgħat artisti sabiex jieħdu sehem fl-imsemmija attivita`. Is-Sur C. Bartolo qal li t-titjiriet bejn Malta u Bucharest f'Settembru huma €70 kull persuna. Bucharest hija madwar sitt siegħat bogħod minn Cugir. L-ispejjeż tal-akkomodazzjoni u l-ikel ser jagħmel tajjeb għalihom il-Kunsill ta' Cugir. Is-Sur C. Bartolo qal li huwa diġa tkellem ma' xi artisti li ser jieħdu sehem fl-Iljieli Melleħin u jidher li hemm interess min-naħa tagħhom. Kompla jgħid li fil-fatt hemm disa' artisti nteressat li jmorru Cugir u jħallsu l-ispejjeż tat-titjiriet.

4.6.3. Il-Kunsill laqa' l-istedina.

### 4.7.1. Korsijiet tal-*aerobics* għall-anzjani (E/3/1/11)

4.7.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għal imejl datat 29 ta' Lulju 2014, mibgħut mid-Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunita` fejn għarrfu li lesti jagħmlu tajjeb għal nofs l-ispejjeż sabiex jingħata l-kors imsemmi f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa bejn Ottubru 2014 u Ġunju 2015. In-nofs l-ieħor irid ikopriħ il-Kunsill.

4.7.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ġibdel l-attenzjoni li l-Kunsill kien applika mad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni, taħt l-Iskema tat-Tagħlim Tul il-Ħajja (*Lifelong Learning*), sabiex is-sessjonijiet tal-aerobics għall-anzjani jingħataw b'dan il-mod. Hija qalet ukoll li dan is-suġġett daħal fl-iskeda tal-korsijiet offruti.

4.7.4. Is-Segretarju aċċenna li l-korsijiet taħt l-iskema Tagħlim Tul il-Ħajja jinvolvu nefqa wkoll għall-Kunsill, għar-raġuni li fil-passat, persentaġġ mill-ispejjeż kien ikoprihom id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-bqija il-Kunsill. Fir-rigward tal-kors tal-Malti din kienet tkun 80:20, rispettivament.

4.7.5. Is-Sindku ppropona li d-Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunita` għandu jintalab jindirizza l-għajnuna li lest jagħti, lejn it-trasport li qed jipprovdi l-Kunsill għall-anzjani li jattendu ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum.

4.7.6. Il-Kunsill approva l-proposta tas-Sindku.

### 4.8.1. Proġett bi sħab mal-Comune di Clusone fl-Italja (P/10/19)

4.8.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf illi wara stedina li kienet saret mill-Comune di Clusone sabiex jipparteċipa fi proġett taħt il-programm Erasmus+ tal-Unjoni Ewropea, intwera interess fil-parteċipazzjoni min-naħa tal-Kunsill tal-Mellieħa. Il-proġett ingħata l-isem *Cultura accessibile e per tutti: La cultura unisce i giovani europei con minori opportunita`* u fil-fatt il-proġett irnexxielu jikseb finanzjament. Ġie spjegat li dan ser jiżvolgi fil-lokalita` tal-imsieħeb ewlieni f'Clusone, bejn il-21 u s-27 ta' Settembru 2014 u jinvolvi l-parteċipazzjoni ta' ħmistax-il żgħażugħ bejn 17 u 19-il sena. Uħud minnhom jeħtieġ ikunu żgħażagħ żvantaġġjati.

4.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti sabiex jinstabu żgħażagħ li jissodisfaw dan il-kriterju.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 31 ta' Lulju 2014.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-isemmija skeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal

6.2. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskeda mressqa li tkopri bejn l-10 u l-31 ta' Lulju 2014.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fiż-żewġ skedi u għaldaqstant kien hemm qbil li l-istess skedi għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku www.lc.gov.mt.

### 7.1. Nomina għall-ħatra ta' Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ (Z/1/Vol V)

7.2. Tressaq *curriculum vitae* tas-Sinjorina Erica Galea, kif kien miftiehem fis-seduta preċedenti.

7.3. Wara li l-Kunsill ra l-*curriculum vita* tal-persuna msemmija, ġie deċiż li għandha tiġi maħtura s-Sinjorina Galea, wara li inġieb il-kunsens tal-ġenituri tagħha.

### 8.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:

***"Billi r-Rapport Finanzjarju għas-Sena 2013, ġie approvat fis-Seduta Nru. 2 tal-17 ta' April 2013, liema dokument ġie mgħoddi lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika skont il-Proċeduri tal-2005 dwar Kunsilli Lokali (Verifika);***

***Billi r-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Finanzi) – Regolamenti 16 u 17 jipprovdu li għandu jitħejja Rapport Amministrattiv li: jagħti kont lill-Kunsill tal-finanzi tiegħu matul is-sena ta' qabel; jirrevedi r-riżultati ta' xogħol u finanzarji miksuba kif mqabbla ma' l-għanijiet dikjarati, mal-pjanijiet u mal-budget tal-Kunsill; u jinkludi dikjarazzjoni tad-dħul u l-infieq tal-Kunsill fis-sena li tkun għalqet u l-fondi miżmuma mill-Kunsill fl-aħħar tas-sena;***

***Il-Kunsill japprova r-Rapport Amministrattiv 2012 u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmawh u jagħmluh aċċessibbli għall-pubbliku*****.". (F/1/1/Vol II)**

8.2. Billi ma kienx hemm mistoqsijiet dwar dan id-dokument, il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu, wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier P. Cutajar.

8.3. Il-Kunsill iddeċieda li l-istess dokument għandu jiġi ppubblikat fis-sit elettroniku www.gov.mt.

9.1. **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier D. Vella illi tgħid:**

**"Billi permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali 2007-2013 – Axis 1 - Miżura 125 ġiet allokata s-somma ta' €17,996.18 taħt Azzjoni 1 Miżura 1.1., bil-għan li jitwettaq proġett li jinvoli toroq użati mill-bdiewa fl-inħawi tal-Qammieħ, Wied Musa u Ta' Msid;**

**Billi skont il-ftehim li jirregola l-imsemmija għotja ffirmat fit-2 ta' Lulju 2014, il-Gvern Malti ser jikkontribwixxi €5,998.73 (eskluża l-VAT) mis-somma msemmija, filwaqt li l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa obbligat li jagħmel tajjeb għall-€2,666.10 (eskluża l-VAT), flimkien mal-VAT dovuta fuq in-nefqa kollha li tammonta għall-€4,799; u**

**Billi saret sejħa għall-offerti (2/2014) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005) sabiex jitwettaq ix-xogħol imsemmi, kif ukoll saret l-evalwazzjoni tal-erba' offerti li saru mill-*Tender Adjudication Board* skont ir-rapport tal-10 ta' Lulju 2014, kif ukoll id-diskussjoni li kien hemm tal-istess rapport fis-Seduta tal-Kunsill Nru. 23 tal-14 ta' Lulju 2014;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt illi jipprovdi għal dan ix-xogħol għandu jigi ffirmat mal-offerent Central Asphalt Ltd skont il-kundizzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta.". (P/10/5)**

9.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Gauci.

10.1. **Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku C. Bartolo illi tgħid:**

**"Billi saret sejħa għall-offerti (4/2014) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005) sabiex isir xogħol ta' restawr u konservazzjoni fuq l-Għajn tal-Mellieħa fi Triq il-Marfa, skont permess mogħti mill-MEPA - PA 1175/14;**

**Billi l-ispiża konnessa ma' dan ix-xogħol hemm provdut għaliha fl-estimi tas-sena finanzjarja 2013, taħt il-kont Nru. 2311(5); u**

**Billi skont ma jidher mill-minuti tat-*Tender Adjudication Board* tal-10 ta' Lulju 2014, kif ukoll dawk tal-Kunsill tas-seduta Nru. 22 tal-14 ta' Lulju 2014, saret rakkomandazzjoni li l-kuntratt jingħata lill-offerent Salamanda Ltd;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt illi jipprovdi għal dan ix-xogħol għandu jigi ffirmat mal-offerent imsemmi, skont il-kundizzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta.". (R/2/Vol II)**

10.2. Il-Viċi Sindku għarraf li wara l-ħruġ tal-ittra ta' aċċettazzjoni skont id-deċiżjoni li ttieħdet fis-seduta ta' qabel, beda x-xogħol immedjatament u sad-data tas-seduta kienu qed jitwaħħlu d-dwal. Huwa spjega li l-ilma ġieri li jinġabar fil-ġibjun ser jiġi ppumpjat permezz ta' pompa lejn l-għajn u l-banjijiet. Parti mill-ilma ġieri ser jasal fl-istess banjijiet b'mod naturali. Plier li kien iddeterjora reġa' inbena mill-ġdid bil-ġebel tal-Mellieħa.

10.3. Is-Sur C. Bartolo kompla jgħid li xi ħaġa illi ma kinitx prevista, hija s-sejba ta' mina taħt l-*S-bend* ta' Triq il-Marfa li kienet tieħu l-ilma tax-xita li jinġabar mill-ispralli tat-toroq ewlenin u titfgħu direttament fil-Wied tal-Madonna. Huwa qal li dan ix-xogħol jeħtieġ li jsir bl-idejn u għalhekk mhux ser ikun lest sad-data tal-inawgurazzjoni tax-xogħol tal-għajn fis-7 ta' Awwissu 2014. Dan ser jitkompla eżattament wara, qabel tibda x-xita.

10.4. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

## 11.1. Tħejjijiet għall-Iljieli Melleħin 2014 (A/5/3/5/Vol V)(P/10/24)

11.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal lil-programm ta' attivitajiet ġie mniedi fil-31 ta' Awwissu waqt konferenza stampa li attendew għaliha s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali l-Onor S. Buontempo, is-Sindku J. Buttigieg u l-Kunsillier J. Attard. Il-konferenza ġiet indirizzata mis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Gvern Lokali l-Onor. Buontempo u minnu. *Flyers* ser jitqassmu fin-Naxxar, San Pawl il-Baħar, Wardija, Rabat, Dingli, Mellieħa u Manikata. Promozzjoni estensiva ngħatat fil-ġurnali u l-mezzi tax-xandir.

11.3. Is-Sur C. Bartolo spjega li programm ser jibda fis-7 ta' Awwissu bl-inawgurazzjoni tal-proġett tar-restawr u t-tħaddim mill-ġdid tal-Għajn tal-Mellieħa li saret referenza għalih fil-minuti 9.2. u 9.3. aktar 'il fuq. Id-delegati li ser jattendu l-konferenza *"Bringing the E.U. Closer to the Local Communities"* ser ikunu mistiedna għal din iċ-ċerimonja. L-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina ser tanima l-attivita`.

11.4. Is-Sur C. Bartolo kompla jispjega li fis-7 ta' Awwissu fil-Paradise Bay Hotel ser tibda l-konferenza msemmija. Il-ftuħ tagħha ser isir mis-Segretarju Parlamentari għall-Presidenza tal-UE 2017 u l-Fondi tal-UE l-Onor. Ian Borg. F'dan il-punt sar aċċenn li l-applikazzjoni għal dan il-proġett ingħatat l-għola punteġġ fl-evalwazzjoni li qatt inġieb minn proġett Malti ta' dan it-tip.Il-konferenza ser tkompli l-għada s-Sibt. Id-delegazzjonijiet ser jittieħdu fuq żjarat li jinkludu l-irziezet ta' Selmun, ix-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija, is-Santwarju tal-Madonna u fis-sede tal-baned Imperial u La Vittoria u tal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina. Id-delegati ser jingħataw materjal promozzjonali filwaqt li l-kapijiet tad-delegazzjonijiet ser jingħataw tifkira tal-okkażjoni magħmula minn ħġieġ maħdum Malta, kif ukoll pubblikazzjonijiet li saru mill-Kunsill. L-istess delegazzjonijiet ser ikunu mistiedna għas-serati kollha tal-Ijieli Melleħin, u anke jagħtu sehem bit-talenti tagħhom. Ġie propost li nhar il-Ħadd 10 ta' Awwissu ssir laqgħa bejn il-kapijiet tad-delegazzjonijiet flimkien mal-Kunsill, bil-għan li jiġu diskussi possibiltajiet ta' koperazzjoni fil-ġejjieni, kemm fuq bażi ta' ġemellaġġ, fil-kaz ta' Adenau, Cavriglia u Agia Napa, kif ukoll tisħib fi proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea.

11.5. Ġie spjegat li l-ewwel serata tal-Iljieli Melleħin ser tkun il-Ġimgħa 8 ta' Awwissu bi spettaklu mużikali mtellgħa minn Claudia Faniello u Errol fuq il-palk f'Misraħ il-Parroċċa. Palkijiet oħra ser ikunu armati fi Triq Ġorġ Borg Olivier, kantuniera ma' Triq San Publiju u fil-pjazzetta li hemm taħt ir-riħ ta' Triq Sant' Anna. L-għada s-Sibt f'Misraħ il-Parroċċa ser ikun hemm *barbecue* organizzat mill-Għaqda Dilettanti tan-Nar Mellieħa, li għalih ser jattendu d-delegati. Fl-istess okkażjoni ser tiġi ppreżentata tifkira lill-istess għaqda fl-okkażjoni tal-25 anniversarju mit-twaqqif tagħha. Bi ftehim mal-Pulizija, it-toroq ewlenin ser jingħalqu bejn il-5.00pm u l-11.00pm, liema arranġament ser ikun infurzat mill-pulizija u l-gwardjani lokali. Il-Ħadd 10 ta' Awwissu ser ikun hemm tlielaq tal-karozzi kontra l-ħin (*drifting*) fi Triq il-Marfa u Triq l-Erwieħ. Imwejjed u siġġijiet ser jintramaw fi Triq Adenau, Triq Sant' Elena u Triq l-Għoljiet.

11.6. Is-Sindku għarraf li saritlu talba sabiex waqt l-Iljieli Melleħin issir ġabra għad-Dar tal-Provvidenza.

11.7. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din it-talba sakemm il-persuni nvoluti jkollhom *badge* li tidentifikahom u filwaqt li tgħid b'riżq liema kawża ser issir il-ġabra.

11.8. Il-Kunsill approva l-arranġamenti spjegati aktar 'il fuq, kif ukoll l-attrazzjonijiet normali l-oħra li jkun hemm minn sena għal sena, bħalma huma r-rokna għall-artisti fil-Bitħa tas-Santwarju, l-i*stands* f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa, il-wirjiet tal-vetturi fi Triq Ġorġ Borg Olivier eċċ.

## 12.1. Trasport għall-anzjani li jattendu ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa (A/1/2/Vol VII)

12.2. Is-Segretarju aċċenna għall-istatistika li nġabret dwar il-patronaġġ li kien hemm għal dan is-servizz bejn Jannar u Ġunju 2014. Ġie spjegat li l-medja għall-jum tat-Tlieta kienet 7, filwaqt li dik tal-Ħamis kienet 3. Il-medja bejn Jannar u Ġunju kienet kif jidher hawn taħt:

| Jannar | Frar | Marzu | April | Mejju | Ġunju |
|---|---|---|---|---|---|
| 5 | 5 | 5 | 6 | 5 | 8 |

12.3. Il-Kunsillier J. Attard aġġorna lill-Kunsill bin-numru ta' anzjani li jiffrekwentaw ic-Centru ta' Matul il-Jum f'Dar il-Madonna tal-Mellieha, u li għamlu użu mit-trasport matul ix-xahar ta' Lulju 2014. Huwa għadda t-tagħrif li jidher fl-iskeda ta' hawn taħt:

| Data (Lulju) | Nru. ta' Anzjani |
|---|---|
| It-Tlieta 1 | 7 |
| Il-Ħamis 3 | 5 |
| It-Tlieta 8 | 7 |
| Il-Ħamis 10 | 4 |
| It-Tlieta 15 | 0 |
| Il-Ħamis17 | 6 |
| It-Tlieta 22 | 8 |
| Il-Ħamis 24 | 7 |
| It-Tlieta 29 | 0 |
| Il-Ħamis 31 | 5 |

12.4. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li l-ammont ta' persuni li qed jużaw is-servizz huwa baxx ħafna, meta jitqies li kull vjaġġ qed jiġi jiswa €45. Huwa ssuġġerixxa li dan jiġi mnaqqas għal darba f'ġimgħa, filwaqt li jingħata meta ma jkunx hemm attivitajiet oħrajn li jattiraw lill-anzjani għal postijiet oħra fil-lokalita`. Kompla jgħid li huwa mportanti li wieħed jara x'konkorrenza qiegħed ikun hemm fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum jum sabiex is-servizz jingħata fil-jiem li jkun hemm l-aktar attendenza numeruża possibbli.

12.5. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li t-trasport jingħata meta jkun hemm is-sessjonijiet tal-*aerobics* f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa, bil-għan li jibbenefikaw minnu aktar nies.

12.6. Is-Segretarju rrakkomanda li għas-sejħa li jmiss għandu jintalab l-użu ta' *minibus* b'kapaċita` inqas minn 16-il passiġġier.

12.7. Wara li ġiet ikkunsidrata l-istatistika li tqassmet qabel is-seduta, il-Kunsill inkariga lill-Kunsillier J. Attard sabiex jikseb il-figuri dwar l-attendenza matulhom ikun miftuħ iċ-ċentru, bil-għan li l-ispejjeż ikunu aktar effettivi. Dan għandu jgħin lill-Kunsill jiddeċieda jekk is-servizz jingħatax fuq jum wieħed jew tnejn fil-ġimgħa, kif ukoll jiġi determinat f'liema ġranet.

## 13.1. Servizz ta' tindif ta' aperturi fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum (A/1/2/Vol IV)

13.2. Il-Kunsillier J. Attard ġibed l-attenzjoni li l-aperturi msemmija jeħtieġ li jitnaddfu.

13.3. Il-Kunsill approva din it-talba fid-dawl tal-obbligi li għandu fit-tmexxija ta' din il-faċilita`.

## 14.1. Programm ta' asfaltar ta' toroq fiż-żona tas-Sellum (T/4/13/Vol X)

14.2. Il-Sindku ppropona li jibdew it-tħejjijiet sabiex jitkompla l-asfaltar mill-ġdid ta' Triq il-Klamari, Triq il-Kaħli u parti minn Triq it-Tumbrell. Is-Sur J. Buttigieg, għaldaqstant ippropona li tissejjaħ laqgħa ta' kordinazzjoni mal-entitajiet kollha li għandhom l-infrastruttura tagħhom fl-istess toroq.

14.3. Il-Kunsill qabel mas-suggeriment tas-Sindku.

## 15.1. Servizz ta' fattiga fl-uffiċċju tal-Kunsill (K/1/1)

15.2. Is-Sindku għarraf li s-servizz mogħti mis-Sinjorina Karen Cutajar twaqqaf u għaldaqstant ser ikollhom jsiru arranġamenti ġodda sabiex is-servizz jkompli jingħata.

15.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet u laqa' il-proposta tas-Sindku sakemm ir-rata ta' ħlas ma tkunx iktar minn €4.14 fis-siegħa. Kien hemm qbil li s-servizz għandu jibqa' jintalab tliet darbiet fil-ġimgħa, sitt siegħat kull darba.

## 16.1. Installazzjoni ta' dwal ġodda fi Triq Għajn Żejtuna u Triq Ta' Taħt l-Irdum (E/1/3/Vol VI)

16.2. Is-Sindku għarraf li saret spezzjoni fi Triq Ta' Taħt l-Irdum bil-għan li jiġi determinat minn fejn ser jgħaddu d-*ducts* taħt l-art sabiex issir l-installazzjoni tal-lampi l-ġodda. Dan billi ma teżistix bankina f'parti sostanzjali fl-istess triq. Is-Sur J. Buttigieg spjega li inizjalment kien maħsub li ssir trinka fit-triq u jinħarġu friegħi minnha fejn ser isiru l-lampi. Ġiet diskussa l-ideja li minflok dan il-mod, issir bankina ġdida fuq naħa waħda it-tul kollu ta' Triq Ta' Taħt l-Irdum, u b'hekk jiġi nkorporat kollox fiha, minħabba r-raġunijiet segwenti:

- Jidħlu ħafna inqas *fittings*;
- M'hemmx ħtiega ta' tappieri tal-ħadid f'nofs it-triq li huma ferm għola minn tal-plastik;
- Bis-sistema tal-bankina, kulma jkollu jsir huwa pajp tal-plastik tal-100mm, interrott b'*pull box* (20cm x 20cm) kull 30 metru, li minnu jinħareg pajp (50mm) lejn il-ħajt, fejn ikun ser jitwaħħal l-arblu;
- Inqas possibilta` ta' ħsara għaliex kollox ikun migbur fil-bankina;
- F'każ ta' ħtieġa li jiġi spusstjat xi arblu ikun jista' jsir hekk b'intervent żgħir;
- Tiswija ta' ħsarat issir mingħajr il-ħtieġa li jintmess it-tarmak, għaliex *patching* bil-konkos fil-bankina jiswa ferm inqas minn dak fit-tarmak, minbarra li tiddagħajjef l-istruttura tat-triq; u
- Fil-passat kien hemm talbiet minn residenti sabiex issir manutenzjoni fuq il-bankina eżistenti.

Is-Sur J. Buttigieg qal li l-ispejjeż jaqbżu l-istima li saret mill-Contract Manager, jistgħu jiġu wtilizzati fondi allokati għar-*resurfacing ta' toroq* f'Tas-Sellum.

16.3. Is-Segretarju għarraf li l-kuntrattur involut ta stima ta' €21,841.18 biex issir il-bankina in kwistjoni. Huwa spjega li ż-żieda tal-bankina mhux neċessarjament tgħolli l-ispiża tal-proġett kollu b'dan l-ammont indikat. Dan billi hemm ċerti xogħlijiet li diġa kienu nklużu fl-istima oriġinali. Is-Sur C. Debono aċċenna li x-xogħol ser jibda fit-tieni nofs ta' Awwissu 2014 minn Triq Għajn Żejtuna, filwaqt li r-residenti kollha affettwati ġew infurmati bix-xogħlijiet, kif ukoll ġew indikati l-postijiet fejn ser jitwaħħlu l-arbli.

16.4. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li l-parti ta' ġewwa ta' Triq Ta' Taħt l-Irdum kellha problemi fl-istruttura tagħha li kienu evidenti kull meta tagħmel ix-xita u għalhekk ikun tajjeb li dawn jiġu ndirizzati. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li din il-problema kienet ġiet indirizzata minn Transport Malta tliet snin qabel wara pressjoni li kienet saret mill-Kunsill.

16.5. Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni mressqa mis-Sindku fil-minuta 16.2. aktar 'il fuq.

## 17.1. Skema ta' dwal fi Triq Dun Manwel Grima u Misraħ l-Parroċċa fil-Manikata (P/4/25)

17.2. Is-Sindku għarraf li saret is-sejħa għall-offerti sabiex isiru dwal madwar il-knisja tal-Manikata.

17.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

## 18.1. Żvilupp ta' art bejn Triq l-Etna, Triq Mons. Franġisk Xuereb u Triq in-Naħal għal skop ta' rikrejazzjoni (P/4/27)

18.2. Is-Sindku għarraf li fit-18 ta' Lulju 2014 il-MEPA ħarġet il-permess PA 1365/14 li jkopri l-iżvilupp imsemmi.

18.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 19.1. Assemblea Ġenerali tal-*EDEN Network* (T/12/2)

19.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li l-assemblea annwali għall-membri tal-*European Destination of Excellence* li ser ssir fi Brussel fil-21 ta' Ottubru 2014. Is-Sur C. Bartolo qal ukoll li ser ikun hemm laqgħa tal-Bord Amministrattiv, li l-Mellieħa hija rappreżentata fih, peress li għandha l-viċi presidenza. Huwa qal li din l-edizzjoni hija miftuħa għall-membri li għamlu l-ħlas tas-sħubija. Il-ħlas tal-ivjaġġar u l-akkomodazzjoni għal delegat wieħed ser tagħmel tajjeb għalih l-EDEN Network Association.

19.3. Il-Kunsill approva l-attendenza għal dan l-avveniment.

## 20.1. Inizjattiva "Arti fil-Misraħ" (A/5/5/Vol IV)

20.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-edizzjoni ta' "Arti fil-Misraħ 2014" intemmet fil-31 ta' Lulju 2014 u kkummentat li kienet suċċess kbir minħabba r-rispons li kien hemm mill-artisti u mużiċisti, kif ukoll mill-pubbliku li attenda. L-ikbar attendenzi ġew osservati meta kien hemm il-baned.

20.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo kkummenta li l-kuntrattur tad-dwal kien strumentali biex inkiseb ir-riżultat mixtieq.

20.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### AĠĠORNAMENT

Is-Seduta spiċċat fl-10.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 25 ta' Awwissu 2014 fis-7.30pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**